**K**UMMISSJONI **N**AZZJONALI **P**ERSUNI B'**D**IZABILITÀ

**N**ATIONAL **C**OMMISSION **P**ERSONS WITH **D**ISABILITY

**MALTA**

*Taqsima LigI Opportunitajiet Indaqs*

*Equal Opportunities Compliance Unit*

# STQARRIJA GHALL-MEDIA KOLLHA

**PREZENTAZZJONI TAR-RAPPORT TA' HIDMA 2002**
**MIT-TAQSIMA LIGI OPPORTUNITAJIET INDAQS FI HDAN IL- KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITA'**
**23 ta' Ottubru, 2002**

Il-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita`) ghalqet sentejn. F'Ottubru 2001, it-Taqsima Ligi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) pprezentat lill-pubbliku Malti rendikont tal-hidma taghha permezz ta' ktejjeb mahrug ghal dan il-ghan. Din it-Taqsima qed terga' taghti rendikont tat-tieni sena tal-hidma taghha permezz tal-pubblikazzjoni li qed tigi pprezentata llum.

Din it-Taqsima tircievi ilmenti ta' diskriminazzjoni minhabba d-dizabilita' skond sitt oqsma generali (ara t-tabella hawn taht). Matul din is-sena, il-Kummmissjoni rceviet 63 ilment meta mqabbel ma' 92 ilment li kienet irceviet fl-ewwel sena. Dan hu tnaqqis ta' 29 kaz. Biss wiehed irid jiftakar li ghalkemm il-ligi dahlet fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 2000, it-Taqsima Ligi Opportunitajiet Indaqs bdiet il-hidma taghha minn mindu l-Parlament Malti ghadda din il-ligi jigifieri mill-1 ta' Jannar 2000. Dan ifisser li l-ewwel rapport hu ta' madwar 20 xahar waqt li t-tieni hu ta' 12-il xahar biss. GHaldaqstant dan it-tnaqqis hu wiehed spjegabbli hafna.

L-ilmenti li rcevejna kienu mqassmin hekk:

| **Ilmenti** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2000/2001** | | **2001/2002** | | **2000/2002** | |
| **Qasam** | **Nru.** | **Percentwal** | **Nru.** | **Percentwal** | **Total** | **Percentwal** |
| Xoghol | 13 | 14 | 9 | 14 | 22 | 14 |
| Edukazzjoni | 10 | 11 | 5 | 8 | 15 | 10 |
| Access | 48 | 53 | 38 | 60 | 86 | 55 |
| GHoti ta' Oggetti u Servizzi | 18 | 20 | 10 | 16 | 28 | 18 |
| Assigurazzjoni | 2 | 2 | 0 | 0 | 2 | 1 |
| Djar | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 1 |
| Total | 92 | 100% | 63 | 100% | 155 | 100% |

Fejn fl-ewwel sena ta' hidma tal-Ligi l-Kummissjoni aktar hadmet fuq dak li hu investigar ta' l-ilmenti, f'din it-tieni sena ta' hidma, kif wiehed jista' jara' mir-rapport li qed jigi pprezentat, rajna li l-Kummissjoni kellha lmenti quddiemha li jinstabu f'kull stadju tal-process legali, cjoe', fl-istadji ta': investigar; negozjar; arbitragg; protest gudizzjarju; kazijiet fil-Qorti, u ta' kazijiet li gew konkluzi b'sodisfazzjon ghall-partijiet kollha koncernati.

Centru Hidma Socjali, Triq Braille, Sta. Venera HMR 18, MALTA
KNPD: 2148-7789 · 2144-8521 Fax: 2148-4609 Text telefon: 2144-6536
PABX : 2144-1311, ext. 218 Email: eocu@knpd.org
Webpage: http://www.knpd.org/

**Qorti Jew Arbitragg**

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kellha tiftah tliet kawzi fil-Qorti Civili waqt li f'zewg kazijiet ohra kien hemm qbil biex il-kaz imur Arbitragg. Wiehed jista' jargumenta li dawn in-numri huma zghar hafna. Biss, il-Kummissjoni dejjem sostniet li s-success ta' din il-Ligi huwa f'kemm jirnexxiela ssolvi ilmenti bin-negozjar u l-perswazzjoni. Dan hu process ta' bdil bil-mod imma konsistenti minn mentalita li thares lejn il-persuni b'dizabilta bhala oggett ta' karita', ghal mentalita bbazata fuq d-drittijiet umani tal-bniedem. Qabza kbira li nemmnu li qed issir, anki jekk, bil-mod.

**Ilmenti Miftuha**

It-Taqsima ghad ghandha 65 kaz li ghadu miftuh u li ser tkompli tahdem fuqhom matul is-sena li gejja. Fost dawn il-kazijiet hemm numru zghir fejn ghalkemm intlahaq ftehim, dan il-ftehim jigi implimentat fuq perjodu ta' zmien. Dan ifisser li ghalkemm il-ftehim ikun intlahaq, wiehed ma jistax jaghlaq il-kaz ghax is-soluzzjoni tkun ghadha ma gietx implimentata jew tkun giet implimentata parzjalment.

**Ilmenti Maghluqa**

B'sodisfazzjon it-Taqsima tinnota li matul din is-sena, rnexxielha tilhaq diversi ftehim biex tigi eliminata diskriminazzjoni kontra persuni b'dizabilita`. Din is-sena n-numru ta' kazijiet fejn instabet soluzzjoni tela' minn 14 ghal 29 ilment. Dan ifisser li matul din is-sena, it-Taqsima Opportunitajiet Indaqs irnexxielha ssolvi 29 ilment, zieda ta' aktar minn 50 fil-mija fuq is-sena l-ohra. Barra minn hekk il-Kummissjoni rnexxielha solvi aktar minn nofs il-kazijiet li hi ghalqet kif jidher f'din it-tabella:

| **Ilmenti Maghluqa** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **2000/01** | | **2001/2002** | |
| | **Nru** | **Percentwall** | **Nru** | **Percentwall** |
| Solvuti | 14 | 39 | 29 | 54 |
| Ma kienx hemm diskriminazzjoni | 13 | 36 | 10 | 19 |
| Riferuti lill-entitajiet ohra | 4 | 11 | 13 | 24 |
| Waqqghu l-ilment | 5 | 14 | 2 | 4 |
| Total | 36 | 100% | 54 | 100% |

**Regolamenti**

Il-Kummissjoni ppreparat ukoll abbozz tar-**regolamenti ghall-procedura tal-Qorti** vis-a-vis din il-Ligi. Il-Kummissjoni giet infurmata li l-proposti taghha gew accettati mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Qorti u diga bdew jigu utilizzati. Biss ghad fadal li dawn jigu approvati formalment mill-Awtorita` tal-Qrati u wara ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Irridu nergghu nemfasizzaw li s-success ta' din il-Ligi ma jitkejjilx bin-numru ta' kazi li nressqu l-Qorti, izda bin-numru ta' kazijiet fejn intlahqet soluzzjoni gusta. Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-progress ta' bidla li qed isir bis-sahha tal-Ligi. Dan ma jfissirx li ma nixtiequx li

l-pass tal-progress kien aktar mghaggel, izda nemmnu bis-shih li l-Ligi Opportunitajiet Indaqs qed ikollha l-effett mixtieq: dak li thaffef, b'ritmu meqjus, il-process ta' bidla, sabiex, fuq livell nazzjonali, naraw titjib konkret fil-kwalita' ta' hajja tal-persuni b'dizabilita' kollha f'pajjizna.

Kopja ta' dan ir-Rapport tista tinkiseb, anke fuq audio, mill-ufficcini tal-Kummissjoni fuq numru tat-telefon **2144 8521**.  Ir-Rapport dalwaqt ikun ukoll fuq il-website tal-Kummissjoni: www.knpd.org

GHall-aktar taghrif tista' tikkuntattja lil Ms Mary-Anne Debono fuq in-numru tat-telefon: **2124 5952** jew email eocu@knpd.org.

Rif.  02/eoa/octrpt /pr